PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Seminar

dwar

il-Prevenzjoni tan-Nuqqas ta' Nazzjonalità u l-Ħarsien ta' Persuni mingħajr Stat fi ħdan l-Unjoni Ewropea

PROGRAMM

It-Tlieta 26 ta' Ġunju 2007

9:00 – 12:30

Sala ASP 3E2
(Altiero Spinelli)
Brussell

DAĦLA

Fis-7 ta' Novembru 2006, fid-diskors li għamlet quddiem in-Nazzjonijiet Uniti fi New York, il-Presidenza Finlandiża ddikjarat, f'isem l-Unjoni Ewropea "(...) L-UE tappoġġa l-attivitajiet ta' l-UNHCR għall-ħarsien ta' persuni mingħajr Stat li spiss huma l-iktar grupp minsi u tħeġġeġ lill-UNHCR sabiex jissoktaw bix-xogħol tagħhom għall-identifikar, il-prevenzjoni u t-tnaqqis tan-nuqqas ta' nazzjonalità madwar id-dinja kollha (...)". Bħala segwitu għal din id-dikjarazzjoni li saret f'isem il-Presidenza tal-Kunsill, il-Parlament Ewropew u iktar speċifikament il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, taw bidu għas-seminar fuq is-suġġett ta' l-identifikar, il-prevenzjoni u t–tnaqqis tan-nuqqas ta' nazzjonalità, wara l-ittra li waslet mingħand il-UNHCR tat-23 ta' Jannar.

In-nazzjonalità hija rabta legali bejn l-Istat u l-individwu, u nuqqas ta' nazzjonalità jirreferi għall-kundizzjoni ta' individwu li m'huwiex ikkunsidrat bħal ċittadin minn ebda Stat taħt l-operat tal-liġi tiegħu. In-nuqqas ta' nazzjonalità jista' jkun ir-riżultat ta' ċirkustanzi bħal ma huma s-suċċessjoni ta' stati, iċ-ċaħda tal-kapaċità ta' mara li tgħaddi n-nazzjonalità tagħha lil uliedha, it-telfien awtomatiku taċ-ċittadinanza minħabba residenza prolongata barra mill-pajjiż, it-telfien ta' nazzjonalità minħabba ż-żwieġ ma' barrani/ja jew minħabba l-bdil ta' nazzjonalità tar-raġel jew martu waqt iż-żwieġ u n-nuqqas ta' kisba tan-nazzjonalità minn tfal mwielda barra ż-żwieġ.

Il-pussess ta' nazzjonalità huwa essenzjali għall-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà u ġeneralment huwa prerekwiżit sabiex wieħed igawdi ħarsien diplomatiku. Per eżempju, id-drittijiet politiċi kif ukoll d-dritt għad-dħul u r-residenza fi Stat spiss huma limitati għal dawk li għandhom nazzjonalità.

Minħabba l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' nazzjonalità, il-kwistjoni ilha fuq l-aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti. Sa minn nofs id-disgħinijiet l-Assemblea Ġenerali tan-NU saħħet il-mandat tal-UNHCR fil-qasam tan-nuqqas ta' nazzjonlità u l-Kumitat Eżekuttiv tal-UNHCR ta gwida dejjem iktar dettaljata. Kif saħqu l-Assemblea Ġenerali u l-ExCom, azzjoni effettiva mill-Istati bl-appoġġ tal-UNHCR u aġenziji oħra tan-NU u atturi tas-soċjetà ċivili hija essenzjali għall-prevenzjoni ta' dawn is-sitwazzjonijiet, għat-tnaqqis tan-nuqqas ta' nazzjonalità u sabiex jiġu ggarantiti d-drittijiet tal-persuni milquta sa dak iż-żmien meta s-sitwazzjoni tagħhom tiġi solvuta.

Id-drittijiet u d-dmirijiet korrispondenti ta' l-istat li huma marbuta man-nazzjonalità jinsabu f'għadd ta' strumenti leġiżlattivi dwar id-drittijiet tal-bniedem, kemm fuq il-livell tan-Nazzjonijiet Uniti kif ukoll fuq livell reġjonali. Żewġ konvenzjonijiet internazzjonali fihom dispożizzjonijiet dwar il-kwistjoni speċifika tan-nuqqas ta' nazzjonalità: Il-Konvenzjoni ta' l-1954 dwar l-Istejtus ta' Persuni mingħajr Stat (il-Konvenzjoni ta' l-1954) u l-Konvenzjoni ta' l-1961 dwar it-Tnaqqis tan-Nuqqas ta' Stat (il-Konvenzjoni ta' l-1961).

Fl-Ewropa, tradizzjonalment, il-Kunsill ta' l-Ewropa kien dejjem fuq quddiem fl-isforzi sabiex jiġu żviluppati prinċipji komuni fir-rigward ta' nazzjonalità u sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' nazzjonalità. Il-Konvenzjoni Ewropea ta' l-1997 dwar in-Nazzjonalità u l-Konvenzjoni ta' l-2006 tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-prevenzjoni tan-nuqqas ta' nazzjonalità fir-rigward tas-suċċessjoni ta' stati, jagħtu qafas legali utli sabiex jiġi evitat in-nuqqas ta' nazzjonalità.

Minkejja dawn l-iżviluppi legali pożittivi, l-Unjoni Ewropea għadha tilqa' fi ħdanha popolazzjoni mingħajr stat, li għalkemm qiegħda tonqos għadha kbira, li prinċipalment tirriżulta mill-konsegwenzi tax-xoljiment ta' l-Unjoni Sovjetika u ta' dik li kienet il-Jugożlavja. Il-Latvja, l-Estonja, u sa ċertu punt il-Litwanja u l-Islovenja għandhom dawn il-popolazzjonijiet mingħajr nazzjonalità. Stati Membri oħra ta' l-Unjoni Ewropea qegħdin jagħtu l-istejtus ta' persuni mingħajr Stat hekk kif il-Konvenzjoni ta' l-1954 tiġi applikata għal eluf ta' individwi minn madwar id-dinja kollha.

Għaldaqstant, is-seminar tal-Parlament Ewropew ser jiffoka fuq tliet temi bil-għan li tissaħħaħ aktar il-kapaċità ta' l-Istati Membri ta' l-UE u ta' l-Istituzzjonijiet Ewropej li jindirizzaw, f'koperazzjoni mal-UNHCR, il-Kunsill ta' l-Ewropa u s-soċjetà ċivili. Il-UNHCR u l-Unjoni Inter-Parlamentari ser jużaw din l-opportunità biex iniedu il-Manwal għall-Membri Parlamentari dwar in-Nazzjonalità u n-Nuqqas ta' Nazzjonalità li oriġinarjament kienu ppubblikaw konġuntament f'Novembru ta' l-2005.

Prevenzjoni tan-Nuqqas ta' Nazzjonalità: Ix-xejriet kurrenti fil-liġijiet Ewropej dwar iċ-Ċittadinanza, in-nazzjonalità doppja, iċ-ċaħda tan-nazzjonalità, tfal mwielda barra ż-żwieġ. L-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Ewropea kif jistgħu jevitaw li jseħħu każijiet ta' nuqqas ta' nazzjonalità? Il-kunċett ta' Ċittadinanza Ewropea kif jistà jgħin f'dan ir-rigward?

It-tnaqqis tan-nuqqas ta' nazzjonalità: In-numru totali ta' popolazzjonijiet mingħajr nazzjonalità qiegħed jonqos b'mod stabbli fi Stati li kellhom iħabbtu wiċċhom mal-konsegwenzi tas-suċċessjoni ta' Stati, b'mod partikolari permezz ta' programmi ta' naturalizzazzjoni u integrazzjoni. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea kif jistgħu jgħinu aktar fin-naturalizzazzjoni ffaċilitata ta' persuni mingħajr Stat?

Il-Ħarsien ta' Persuni mingħajr Stat: Il-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ffirmaw il-Konvenzjoni ta' l-1954 dwar l-Istejtus ta' Persuni mingħajr Stat (l-eċċezzjonijiet huma l-Awstrija, il-Bulgarija, Ċipru, l-Estonja, il-Polonja u l-Portugall). Il-Konvenzjoni tagħti stejtus legali lill-persuni mingħajr Stat. Madanakollu, ħafna Stati ma stabbilixxewx proċeduri speċifiċi sabiex jingħata dan l-istejtus u lanqas implimentaw dispożizzjonijiet oħra tal-Konvenzjoni fil-prattika. Ħafna Stati ma jirreġistrawx speċifikament in-numru ta' persuni mingħajr Stat li huma abitwalment residenti fit-territorji tagħhom. Uħud mill-Istati stabbilixxew sistemi legali speċifiċi għal dawn il-popolazzjonijiet minbarra jew fin-nuqqas li japplikaw il-Konvenzjoni ta' l-1954. Il-UNHCR kif tista' tassisti lill-Istati ta' l-Unjoni Ewropea biex jimplimentaw d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' l-1954 u, biex dawk li għadhom mhux parti mill-Konvenzjoni jiffirmawha?

Dan is-Seminar ser inebbaħ u jagħti lok għal riflessjoni lill-istituzzjonijiet Ewropej li jista' jimmaterjalizza f'forma ta' studju jew rapport ta' inizjattiva, eċċ. Ser issaħħaħ l-irwol ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali f'dan il-qasam, li żdied fl-importanza f'dawn l-aħħar snin.

FTUĦ

Rimarki introduttorji minn:

09:00 - 09:05 ***Is-Sur Stavros Lambrinidis***, Viċi-Chairman tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, Parlament Ewropew

09:05 - 09:15 ***Is-Sur Francisco Fonseca Morillo***, Direttur, Direttorat C, Ġustizzja Ċivili, Drittijiet u Ċittadinanza, Kummissjoni Ewropea

PANEL I
Prevenzjoni tan-nuqqas ta' nazzjonalità – il-ħsieb ta' l-esperti akkademiċi fil-qasam

09:15 - 09:30 ***Is-Sur. Gerard-René de Groot,*** Professur tad-Dritt Kumparattiv u tad-Dritt Internazzjonali Privat, Università ta' Maastricht, l-Olanda

09:30 - 09:45 ***Id-Dottoressa Eva Ersboll,*** Fellow ta' Riċerka, Dipartiment tar-Riċerka, Istitut Daniż għad-Drittijiet tal-Bniedem

09:45 - 10:15 ***Dibattitu***

PANEL II
Tnaqqis tan-nuqqas ta' nazzjonalità – il-ħsieb tal-Kunsill ta' l-Ewropa u tan-Nazzjonijiet Uniti

10:15 - 10:30 ***Is-Sur Roland Scharer,*** Kap ta' l-Uffiċċju Federali għall-Immigrazzjoni, Taqsima tan-nazzjonalità Żvizzera, Berna, l-Iżvizzera, espert għall-Kunsill ta' l-Ewropa.

10.30 - 10.45 ***Prof. Zdzislaw Galicki,*** Membru tal-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali, Viċi-Direttur ta' l-Istitut tal-Liġi Internazzjonali fl-Università ta' Varsavja, espert tan-NU u tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

10:45 - 11:05 ***Dibattitu***

PANEL III
Ħarsien tal-Persuni mingħajr Stat

11:05 - 11:20 ***Is-Sur Philippe Leclerc,*** Kap ta' l-Unità għal dawk mingħajr Stat, Diviżjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Internazzjonali UNHCR Ġinevra

11:20 - 11:35 ***Is-Sinjorina Inga Reine,*** Aġent tal-Gvern, Ministeru għall-Affarijiet Barranin

tar-Repubblika tal-Latvja

PANEL IV

Nies li jiffaċċjaw diffikultajiet biex ikollhom aċċess, igawdu minn u jippruvaw iċ-ċittadinanza

11:35 - 11:50 ***Is-Sinjorina Jasminka Dedic***, Riċerkatriċi fl-Istitut tal-Paċi, is-Slovenja

11:50 - 12:00 ***Prof. Roberto Pignoni***, Università "La Sapienza" ta' Ruma, l-Italja

12:00 - 12:20 ***Dibattitu***

12:20 - 12:30 ***Noti konklużivi mill-Presidenza tal-Kunsill*** *(l-isem tar-rappreżentant tal-Presidenza għad irid jiġi mgħarraf)*

ANNEX

PRACTICAL GUIDELINES FOR THE DEBATE

Presentations will be limited to 10 minutes (see programme for details).
The floor will be given to Members in the order in which requests are received.
Speakers wishing to supplement their speeches may do so in writing by submitting documents (preferably in English or French) in advance to the secretariat (email: ip-libe@europarl.europa.eu).These documents will be circulated during the meeting.

IMPORTANT NOTICE FOR THOSE WISHING TO ATTEND THE HEARING

This seminar is open to the public. However, for security reasons, participants who do not have a European Parliament access badge must obtain a pass in advance. Those wishing to obtain such a pass should contact the seminar secretariat (ip-libe@europarl.europa.eu) before **20 June 2007**. It is essential to provide us with your full name, address and date of birth. Without this information, the Security Service will not provide entry passes.

Simultaneous interpretation will be available in the following languages : EN, FR, DE, IT, NL, ES, HU, EL, PT, RO, SV, PL

Seminar Secretariat	Telephone	Address	E-mail address
Martina SUDOVA *Administrator*	**+32.2.283.14.76**	European Parliament Rue Wiertz 60 RMD 01J040 B-1047 Brussels	**ip-libe@europarl.europa.eu**
Ryszard DE GROOT *Assistant*	**+32.2.284.07.95**	European Parliament Rue Wiertz 60 RMD 01J036 B-1047 Brussels	
Maria LAZAROVA *Assistant*	**+32.2.283.23.89**	European Parliament Rue Wiertz RMD 1J044 1047 Brussels	